MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 2950/1996/2

**Grazzju Debono; Joseph Muscat; Joseph Grima; Carmel sive Charlie Buttigieg; Eucharist Sultana; Gregory Spiteri, Carmel Xuereb; Joseph Tabone; Marjanus Mifsud; Carmelo Borg; u Anthony Tabone**

**vs**

1. **L-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku;**
2. **Direttur tat-Traffiku;**
3. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija fit-12 ta' April, 1999 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fuq talba ta' l-atturi ghal skrutinju gudizzjarju ta' decizjoni amministrattiva. Id-decizjoni in kwistjoni tirrigwarda l-*policy* – li certament kienet ghadha fis-sehh meta giet intavolata c-citazzjoni fil-11 ta' Ottubru, 1996 – li *taxis* ta' sidien residenti Ghawdex (u li allura jigu registrati Ghawdex) ma jithallewx jahdmu Malta hlief limitatament. Is-sentenza appellata tghid hekk:

"L-atturi qegħdin jitolbu li l-qorti tgħid li deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet pubbliċi huma abbuż tas-setgħa tagħhom. L-atturi huma sidien ta' *taxis* li joqogħdu Għawdex. Għandhom liċenza biex jidħlu l-Belt Valletta, iżda minkejja dan ma humiex jitħallew jaħdmu Malta. Barra minn hekk, kull min joqgħod Għawdex huwa miżmum milli jkollu jew iħaddem *taxi* f'Malta, u *taxi* reġistrata Għawdex ma tistax tiġi trasferita lil min joqgħod Malta.

Iċ-ċitazzjoni tkompli tgħid illi dawn id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità pubblika huma abbuż mis-setgħa ta' din l-awtorità għax dawn id-deċiżjonijiet ittieħdu għal għanijiet mhux xierqa u huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti, billi huma diskriminatorji ma' nies li jeżerċitaw xogħol ieħor u huma irraġonevoli u sproporzjonati fl-effett tagħhom għall-għan li jridu jilħqu. Għalhekk l-atturi talbu li din il-qorti tgħid "illi d-divjet li l-atturi jaħdmu Malta jew jittrasferixxu t-*taxi* tagħhom lil persuna residenti f'Malta huma nulli u bla ebda effett".

L-atturi kienu talbu wkoll li l-kawża tagħhom tinstema' b'urġenza, iżda din it-talba kienet miċħuda b'dikriet mogħti fl-4 ta' Frar 1997, u konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' April 1997.

Il-konvenuti Direttur tat-Traffiku u Kummissarju tal-Pulizija ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma hux minnu li, kif igħidu l-atturi, min joqgħod Għawdex ma jistax jittrasferixxi lil min joqgħod Malta *taxi* reġistrata biex taħdem f'Għawdex; u
2. dwar id-distinzjoni bejn *taxis* liċenzjati biex jaħdmu f'Malta u *taxis* liċenzjati biex jaħdmu f'Għawdex, kif irid l-art. 248(2) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-

Mutur, din id-distinzjoni toħroġ minn liġi valida, u għalhekk l-opportunità tagħha mhix sindakabbli mill-qorti ħlief fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali; barra minn hekk, id-distinzjoni hija wkoll "miżura organizzativa oġġettivament ġustifikabbli fl-interess ta' l-organizzazzjoni u l-istabbiltà ta' dan is-servizz pubbliku".

L-Awtorità tat-Trasport Pubbliku ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. qabel xejn l-atturi għandhom juru li għandhom il-liċenzi msemmija minnhom;
2. il-kawżali li fuqhom qegħdin jibnu t-talba tagħhom l-atturi huma bla bażi legali, u huma fil-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali; u
3. id-deċiżjoni li jridu jwaqqgħu l-atturi ttieħdet mit-*Traffic Control Board*, mhux mill-awtorità eċċipjenti, u l-ħsieb wara din id-deċiżjoni hu li *taxi drivers* reġistrati f'Malta u dawk reġistrati f'Għawdex ma jidħlux fix-xogħol ta' xulxin; fil-fatt, *taxi drivers* Maltin ma jistgħux jaħdmu Għawdex.

Il-fatti ta' dan il-każ ġraw hekk: l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku għandha *policy* li ma tħallix li *taxis* reġistrati f'Malta jieħdu passiġġieri sa Għawdex, u ma tħallix ukoll *taxis* reġistrati f'Għawdex iwasslu passiġġieri sa Malta, ħlief biex iwassluhom sal-isptar, sal-port jew sal-mitjar. Billi t-*taxis* ta' Għawdex ma setgħux jidħlu fil-Belt Valletta, ma kinux iħallsu l-liċenza meħtieġa biex karrozza tidħol fil-Belt.

Ġara li, minħabba żball amministrattiv mid-dipartiment tal-liċenzi, għas-sena 1995 lit-*taxis* Għawdxin inħarġitilhom liċenza biex ikunu jistgħu jidħlu l-Belt. Meta d-dipartiment intebaħ bl-iżball, fittex li jieħu lura l-liċenzi li kienu laħqu ħarġu. Uħud minn dawn il-liċenzi ngħataw lura; oħrajn le.

Ġara wkoll li fl-1995 il-konvenuti ħarġu ordni[1] li t-*taxis* Għawdxin iġibu l-ittra "G" fuq il-bieba biex jingħarfu mit-*taxis* ta' Malta. Lil dawk is-sidien li ma għamlux din l-ittra fuq il-bieba tagħhom, ma ġġedditilhomx il-liċenza.

Għalhekk, meta l-atturi, li ma ridux jagħmlu din l-ittra fuq il-bieba, waslu biex iġeddu l-liċenza għas-sena 1996, la ngħatatilhom liċenza biex setgħu jidħlu l-Belt, għax id-dipartiment kien laħaq intebaħ bl-iżball, u lanqas

[1] Regolament 248 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, kif emendat bl-Avvi\ Legali 149 ta' l-1995.

ingħatailhom liċenza għal barra l-Belt għax, billi huma kienu tal-fehma li kellhom jitħallew jaħdmu f'Malta wkoll, ma ridux jagħmlu l-ittra "G" fuq il-bieba tat-*taxi.*

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża biex iwaqqgħu d-deċiżjoni amministrattiva li ma tħallihomx jaħdmu bit-*taxis* tagħhom f'Malta għax qegħdin igħidu li din id-deċiżjoni ttieħdet għal raġunijiet li ma humiex xierqa, li ma humiex relevanti u li huma diskriminatorji.

Qabel ma nqisu l-meritu ta' din it-talba ta' l-atturi, irridu nqisu t-tieni eċċezzjoni ta' l-Awtorità tat-Trasport Pubbliku, li tgħid li t-talba ta' l-atturi taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Irridu nqisu wkoll dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra fejn tgħid li, ladarba d-deċiżjoni ttieħdet bis-saħħa ta' liġi, il-qorti ma tistax tistħarreġ dwarha ħlief fuq il-bażi ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

Is-setgħa tal-qorti li tistħarreġ dwar għemil aministrattiv toħroġ mill-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**469A.** (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu 1-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss—

(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawk li ġejjin:

(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew

(iii) meta 1-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

Is-setgħa li tara jekk l-għemil amministrattiv jiksirx il-kostituzzjoni tfisser li din il-qorti, fil-kompetenza ordinarja

ċivili tagħha, tista' tara hemmx ksur tad-drittijiet fondamentali, billi dawn huma mħarsa mill-kostituzzjoni.

It-tieni eċċezzjoni ta' l-Awtorità tat-Trasport Pubbliku hija għalhekk miċħuda.

Il-konvenuti l-oħra, għalkemm ma jidhrux li qegħdin jiċħdu li din il-qorti, fil-kompetenza ċivili tagħha, għandha s-setgħa li tistħarreġ dwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali, qegħdin iżda jgħidu li hekk biss tista' tagħmel il-qorti, *i.e.* li tistħarreġ biss jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fondamentali, ladarba d-deċiżjoni ta' l-awtorità amministrattiva ttieħdet bis-saħħa ta' liġi valida:

... ... ... din id-diviżjoni ġbejn *taxis* ta' Malta u dawk ta' Għawdexħ hija ... ... ... riżultanti minn liġi valida u għalhekk l-opportunità *o meno* tagħha m'hijiex sindakabbli mill-qorti ħlief fuq bażi ta' allegat ksur ta' drittijiet fondamentali ... ... ...

Il-liġi li fuqha qegħdin jistrieħu l-konvenuti hija r-regolament 248 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, kif emendati bl-Avviż Legali 149 ta' l-1995:

**248.** It-*taxicars* jiġu mogħtija numru ta' wara xulxin mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku. Pjanċa, tal-kejl ta' 130 mm b'20 mm u li jkollha bl-iswed il-kelma TAXI u n-numru ta' l-identità relativ, għandha titwaħħal fuq id-dahar tas-*seat* ta' quddiem f'dik il-pożizzjoni li tkun tista' tinqara malajr u sewwa mill-passiġġieri.

(2) In-numru mogħti mill-Awtorità għandu jinżebagħ fuq il-bibien tal-ġenb ta' quddiem tat-*taxicar* bl-ittra "M" quddiem u bil-kulur iswed fil-każ ta' *taxicars* li huma liċenzjali biex jaħdmu f'Malta, u bl-ittra "G" quddiem u bil-kulur aħmar fil-każ ta' *taxicars* li huma liċenzjati li jaħdmu f'Għawdex, u f'kull każ skond dawk il-qisien li l-Awtorità tista' hekk tordna.

L-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda, kif rajna, jagħti lill-qorti s-setgħa wkoll li tistħarreġ jekk l-għamil amministrattiv kienx *ultra vires* għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-erba' sub-paragrafi tas-subartikolu 1(b) ta' dak l-artikolu. Fost dawn ir-raġunijiet, hemm dik li fuqha qegħdin jistrieħu l-atturi, *i.e.* "meta 1-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti".

Ladarba l-liġi tagħti lill-awtorità amministrattiva s-setgħa u d-diskrezzjoni li tieħu deċiżjonijiet, qalu sew il-konvenuti li l-qorti ma għandhiex tużurpa din is-setgħa u tara jekk id-deċiżjoni ta' l-awtorità kinitx tajba jew opportuna; il-qorti, iżda, għandha s-setgħa tara jekk id-deċiżjoni tteħditx b'abbuż; "abbuż", skond it-tifsira mogħtija mil-liġi stess, ifisser ukoll li d-deċiżjoni tkun motivata minn "għanijiet mhux xierqa" jew tkun mibnija fuq "kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti".

Irridu naraw, mela, x'kienu l-għanijiet u l-konsiderazzjonijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni, biex naraw mhux jekk id-deċiżjoni kinitx tajba, jew kinitx id-deċiżjoni li kienet tieħu l-qorti li kieku d-diskrezzjoni kienet f'idejha, iżda biss jekk itteħditx b'abbuż skond it-tifsira mogħtija mil-liġi lil din il-kelma.

X'kienu l-għanijiet u l-konsiderazzjonijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni? Dawn l-għanijiet u konsiderazzjonijiet, naturalment, tkun tafhom l-awtorità li ħadet id-deċiżjoni, u nsiru nafuhom mingħand ix-xhieda tagħha. Dawn ix-xhieda, iżda, ma kinux wisq ċari dwar x'wassal biex ittieħdet id-deċiżjoni. Fil-fatt, il-ġustifikazzjoni li seta' jagħti l-*general manager* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku hija biss li f'pajjiżi oħra hekk jagħmlu, u li din il-*policy* ma nbidlitx għax "dejjem hekk kienet":

Ifhimni, li nista' ngħidlek li s-segregazzjoni dejjem hekk kienet, milli jidher, voldieri, jew inkella safejn naf jien hekk kienet. Li nista' ngħidlek forsi f'pajjizi oħra, jekk inti taqra hekk ċertu kotba li jgħidulek illi per eżemjpu — per eżempju biss, voldieri, mhux se nkun tassattiv — jekk inti tieħu *taxi* minn Londra u tmur per eżempju Manchester ma naħsibx jien li dak jista' joqgħod igħabbi nies ġo Manchester u mbagħad meta jfettillu jerġa' lura lejn Londra; jista' jkun ibbażata fuq xi ħaġa simili, imma qabel ma nara l-*policy* u minn fejn bdiet u kollox ma nistax ngħid.[2]

Relevanti wkoll hija t-tweġiba mogħtija minn dan ix-xhud għal mistoqsija li saritlu mill-avukat ta' l-atturi:

Dr Giovanni Bonello: Bil-malti hemm *closed shop* tat-*taxis* maltin u ma jridu lil ħadd jidħol fiha, hux hekk? U intom bħala awtorità qed tittolleraw din is-sitwazzjoni.

---

2 Ara x-xiehda mog]tija minn Joseph Caruana fis-seduta tat-2 ta' Lulju 1998, *fol.* 94.

Xhud: Dik kienet qiegħda, iva.[3]

Fit-2 ta’ Lulju 1991 kienet saret diskussjoni fil-Bord dwar il-Kontroll tat-Traffiku — li, qabel ma nħolqot l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, kien jieħu ħsieb dawn l-affarijiet — dwar proposta biex titneħħa r-restrizzjoni fuq it-*taxis* Għawdxin. Il-minuti ta’ dik il-laqgħa tal-bord jitfgħu dawl fuq ir-raġuni wara d-deċiżjoni:

Mr A. DeGiovanni stated that this matter had been submitted for consideration, mainly to find out about the criteria adopted by the Board regarding the present arrangement. By this arrangement Gozo taxis may proceed to Malta only if they are hired (in Gozo) to perform trips to Luqa Airport, the Grand Harbour and St Luke's Hospital.

The Assistant Commissioner remarked that as long as there exists an agreement between the taxi owners of both islands, there is no objection, from the Police point of view, for the performance of trips to any locality, provided that the hire is taken from the island where taxi is registered. Mr F. Attard also held that Gozo taxis should not be allowed to ‘stand’ in Malta and the Maltese counterparts should not be allowed to do same in Gozo. The Board agreed with the suggestions made by the Assistant Commissioner.

At this stage, Mr A DeGiovanni stated that in view of what had been said on the matter, the Public Transport Authority will be advised that the present arrangement will only be altered if minutes of an agreement between the Associations representing taxi owners from both islands is submitted to the Authority.

Dan ifisser li jekk tinbidilx il-*policy* jew le jiddependi fuq jekk jiftehmux bejniethom is-sidien tat-*taxis* ta’ Malta u ta’ Għawdex. Jidher ukoll, mit-tweġiba mogħtija mill-*general manager* ta’ l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku għall-mistoqsija ta’ l-Avukat Giovanni Bonello, illi ma hux fl-interess tas-sidien tat-*taxis* maltin li din il-*policy* tinbidel. Effettivament, mela, lis-sidien tat-*taxis* maltin ingħatat setgħa ta’ *veto* fuq jekk tintmissx din il-*policy*.

Meta l-liġi tħalli f’idejn awtorità amministrattiva d-diskrezzjoni biex tieħu deċiżjoni, dik l-awtorità tkun ħielsa

[3] *Ibid. fol.* 95.

li tqis il-fatturi li lilha jidhrulha relevanti qabel ma tieħu d-deċiżjoni. Fil-każ tallum, il-fatt jekk is-sidien tat-*taxis* ta' Malta u ta' Għawdex jaqblux dwar bdil fil-*policy* huwa ċertament fattur relevanti, u l-awtorità ċertament għandha s-setgħa li tqisu fid-deliberazzjonijiet tagħha. Iżda, għalkemm huwa fattur relevanti, żgur li ma jistax ikun fattur determinanti, għax il-liġi fdat id-deċiżjoni f'idejn l-awtorità u mhux f'idejn is-sidien tat-*taxis*. Jekk l-awtorità torbot idejha, kif jidher li għamlet, u d-deċiżjoni teħodha biss meta u kif jiddeċiedi ħaddieħor, jew meta jerfa' l-*veto* ħaddieħor, ma tkunx qiegħda tinqeda bid-diskrezzjoni fdata lilha mil-liġi; tkun qiegħda tabdika mis-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħha.
Għalhekk, ladarba jidher li d-deċiżjoni meritu tal-kawża tallum ittieħdet billi l-awtorità amministrattiva ntrabtet li tagħmel dak li jiddeċiedi ħaddieħor, ma jistax jingħad li d-deċiżjoni ttieħdet billi l-awtorità nqdiet bid-diskrezzjoni tagħha; l-għanijiet wara d-deċiżjoni ma humiex ta' l-awtorità iżda ta' terzi, u l-konsiderazzjonijiet li tqiesu ma humiex dawk li l-awtorità tqis relevanti, iżda li jaqblu ma' interessi ta' terzi. Ma jistax għalhekk jingħad li l-għanijiet huma xierqa, jew li l-konsiderazzjonijiet huma relevanti kif trid il-liġi.
Għal dawn ir-raġunijiet, it-talbiet ta' l-atturi sejrin jintlaqgħu.
Il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tgħid li ma tiswiex id-deċiżjoni amministrattiva tal-konvenuti li l-atturi ma jistgħux jaħdmu bit-*taxis* tagħhom f'Malta, u għalhekk tħassar din id-deċiżjoni.
Din is-sentenza ma għandhiex tiftehem li qiegħda żżomm lill-konvenuti milli jerġgħu jqisu din il-kwistjoni u jerġgħu jieħdu deċiżjoni dwarha, sakemm id-deċiżjoni joħduha wara eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħhom, u joħduha għal raġunijiet xierqa u fuq konsiderazzjonijiet relevanti.
Dwar it-talba l-oħra, biex il-qorti tħassar "id-divjet li l-atturi ... ... ... jittrasferixxu t-*taxi* tagħhom lil persuna residenti f'Malta", ma hux meħtieġ provediment għax ma jidhirx li hemm dak id-divjet.
L-ispejjeż ta' din il-kawża, ħlief dawk relativi għat-talba biex il-kawża tinstema' b'urġenza, iħallsuhom il-konvenuti. L-ispejjeż tal-proċeduri dwar it-talba għas-smigħ b'urġenza jħallsuhom l-atturi."

B'zieda ma dak li jinghad fis-sentenza, din il-Qorti tosserva li, mill-provi, jidher li l-*policy* ta' segregazzjoni bejn *taxis* ta' Malta (jigifieri dawk ta' sidien residenti Malta u allura registrati f'Malta) u *taxis* ta' Ghawdex hija wahda antika hafna. Kif fisser Vincent Farrugia, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, fid-deposizzjoni tieghu tat-2 ta' Lulju, 1998:

**"Jiena kemm ili hemmhekk fid-dipartiment, dawn l-ahhar tletin sena, jigifieri, dejjem niftakar illi t-"taxis" ta' Malta jahdmu Malta u t-"taxis" ta' Ghawdex jahdmu Ghawdex. Hemm numru allokat ta' "taxis" Maltin, hemm mitejn, u hemm hamsin "taxi" Ghawdex."**

Mill-minuti tat-*Traffic Control Board* (TCB) u tas-sotto-kumitat ghal Ghawdex ta' l-istess bord ezibiti fit-8 ta' Ottubru, 1998 mill-*General Manager* tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, Joseph Caruana, jirrizulta li l-ewwel darba li kien hemm modifika ta' din il-*policy* kien fil-15 ta' Frar, 1985, meta t-TCB ta l-parir (allura lill-Kummissarju tal-Pulizija) li *taxis* Ghawdxin li jkunu bdew il-kirja minn Ghawdex jithallew jinzlu Malta basta li d-destinazzjoni taghhom tkun jew l-isptar ta' San Luqa, jew l-ajruport ta' Hal-Luqa jew Xatt ir-Risq u bil-kundizzjoni li dawn ma jghabbu lil hadd minn Malta. F'din l-okkazjoni wkoll kien inghata l-parir li *taxis* Maltin jibqghu ma jithallewx jahdmu Ghawdex. Din il-*policy* fir-rigward tat-*taxis* Ghawdxin li jithallew jaghmlu xoghol limitat f'Malta, li ghall-bidu kellha tkun fuq bazi ta' prova, saret wahda permanenti b'decizjoni tat-TCB tat-30 ta' Awissu, 1985. Fis-26 ta' Jannar, 1988 is-sotto-kumitat ghal Ghawdex tat-TCB kien irrakkomanda li t-*taxis* Ghawdxin jithallew jidhlu l-Belt Valletta, izda t-TCB, fil-5 ta' April ta' dik l-istess sena, ma approvax din ir-rakkomandazzjoni u kollox baqa' kif kien sa dak iz-zmien. Il-kwistjoni regghet giet dibattuta fil-laqgha tat-TCB tat-2 ta' Lulju, 1991; il-minuti ta' din il-laqgha jinsabu riprodotti fis-sentenza appellata. S'intendi, fl-1991, il-parir issa beda jinghata lill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, u jidher li din l-Awtorita` accettat u ghamlet taghha dan il-parir. <u>Hija ghalhekk il-*policy* kristallizzata fil-laqgha tat-TCB tat-2 ta' Lulju, 1991 li giet</u>

sindakata bis-sentenza appellata u li konsegwentement giet dikjarata li ma tiswiex bhala “decizjoni amministrattiva tal-konvenuti”. Jizdied ukoll li l-paragrafu (2) tar-regolament 248 tal-*Motor Vehicle Regulations* (kwotat fis-sentenza appellata) ma johloqx il-limitazzjoni li certi *taxicars* jistaghu jahdmu biss f’Malta u ohrajn jahdmu biss f’Ghawdex. Dan il-paragrafu semplicement jirrikonoxxi bhala fatt li hemm *taxicars* li huma licenzjati biex jahdmu Malta u ohrajn li huma licenzjati biex jahdmu Ghawdex, u jimponi l-ittri “M” jew “G” bhala distintiv; pero` il-limitazzjoni tal-operat tat-*taxicars* u cioe` li xi whud minnhom jistghu jahdmu biss Malta u ohrajn biss Ghawdex tibqa’ wahda li tohrog minn *policy* ossia decizjoni amministrattiva, u mhux mill-ligi. Il-ligi semplicement irrikonoxxiet li tezisti dik il-*policy* u imponiet ittra ta’ identifikazzjoni ghaz-zewg kategoriji ta’ vetturi li bilfors allura jrid ikun hemm minhabba dik il-*policy*.

Mis-sentenza tat-12 ta’ April, 1999 appellaw il-konvenuti kollha. Din il-Qorti ser tibda billi tikkonsidra l-appell ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku.

L-ewwel aggravju ta’ din l-Awtorita` hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni taghha, u cioe` li qabel xejn l-atturi kellhom juru li huma kellhom il-licenzji msemmija minnhom. Dan l-aggravju, ghalkemm gustifikat fis-sens li huwa veru li l-ewwel Qorti donnha injorat din l-eccezzjoni, hu pero` infondat ghall-finijiet ta’ dana l-appell ghax fil-fehma ta’ din il-Qorti din l-eccezzjoni ftit li xejn hi ta’ utilita` ghal din l-Awtorita` -- hu evidenti li dak li qed jigi impunjat mill-atturi hija *policy* partikolari li tista’ taffettwa mhux biss lil min ghandu licenzja valida ta’ *taxi driver* izda anke lil min jixtieq li jkollu wahda izda minhabba r-restrizzjoni imposta b’din il-*policy* ma jistax jew ma jaqbillux li japplika ghal tali licenzja.

It-tieni aggravju tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku hu bazikament li d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet wahda zbaljata u dan ghax hija bbazata mhux fuq xi konkluzzjonijiet li waslet ghalihom hi (cioe` l-Awtorita`) “izda fuq konsiderazzjonijiet ta’ terzi”. Skond l-Awtorita`:

**“Li gara kien li l-Awtorita` qablet mas-suggeriment tal-Assistent Kummissarju li s-sitwazzjoni tibqa’ kif kienet u ddecidiet li sakemm is-sidien ma jaqblux mod iehor, l-*istatus quo* kellu jibqa’. Dan certament ma jfissirx li l-Awtorita` abdikat id-dritt taghha lil terzi.”**

Din il-Qorti ma taqbilx. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Awtorita` ghat-Trasport Pubbliku ghamlet taghha id-decizjoni tat-TCB tat-2 ta’ Lulju, 1991, u ghalhekk jigi li dik id-decizjoni <u>qisha ttiehdet mill-imsemmija Awtorita`</u>. Quddiem l-ewwel Qorti l-Awtorita` ma ressqet ebda prova li meta giet biex tabracca dik ir-rakkomandazzjoni tat-TCB hija hadet in konsiderazzjoni xi haga differenti minn dak li hemm registrat fil-minuti ezibiti. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, mid-deposizzjoni ta’ Joseph Caruana jirrizulta car li s-sitwazzjoni thalliet kif inhi – cioe` inzamm l-i*status quo* – <u>proprju ghax tat-*taxis* ta’ Malta huma kuntenti b’din is-sitwazzjoni</u>:

**“Li naf jien hija li min-naha tat-“taxis” Maltin kuntenti b’din is-sitwazzjoni. Ovvjament jien ma kellimthomx kollha, imma l-Assocjazzjoni li hawn hawn Malta li tirraprezenta l-maggoranza tal-Maltin hekk tahsibha, illi speci l-opinjoni kif jitkellmu fi kliemhom huma li dawk twieldu hemmhekk ghal hemmhekk u dawn twieldu hawnhekk ghal hawnhekk.”** (fol. 90)

Kienet, ghalhekk, altru milli gustifikata l-ewwel Qorti li tikkonkludi li in realta` l-Awtorita` kienet qed thalli f’idejn is-sidien tat-*taxis* Maltin li jiddeciedu jekk u meta jippermettu lis-sidien tat-*taxis* Ghawdxin li jibdew jahdmu ukoll Malta. Gustament ghalhekk ikkonkludiet li flok effettivament tezercita` d-diskrezzjoni fdata lilha, l-Awtorita` kienet qed tabdika mis-setghat u r-responsabilitajiet taghha u kienet qed tintrabat li ticcaqlaq biss jekk haddiehor jiccaqlaq. F’dan is-sens id-decizjoni amministrattiva kienet imsejsa “fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti” fis-sens tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12.

Kwantu ghall-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tat-Traffiku ftit li xejn hemm xi tghid. L-ewwel

aggravju ta’ dawn iz-zewg appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti poggiethom fl-istess qoffa ma’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, meta huma fil-fatt kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma jistghux ikunu legittimi kontradditturi ghat-talbiet ta’ l-appellati. L-atturi appellati, fir-risposta taghhom tal-10 ta’ Mejju, 1999 (fol. 144) issottomettew li l-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tat-Traffiku qatt ma taw precedentement din l-eccezzjoni – cioe` li ma kienux il-legittimi kontradditturi – u li din l-eccezzjoni kienet qed tissemma’ l-ewwel darba fl-appell. Fissru wkoll l-atturi appellati li fi kwalunkwe kaz id-decizjoni “originali” li stabbilit il-*policy* kienet ittiehdet mill-Kummissarju tal-Pulizija u li d-decizjoni li tittehdilhom il-licenzja ghall-Belt Valletta kienet ittiehdet ukoll mid-direttur tat-traffiku. Din il-Qorti, pero`, tara li l-atturi appellati m’ghandhomx ragun fuq dan il-punt, filwaqt li l-appellanti Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tat-Traffiku gustament jillanjaw li huma ma kienux il-legittimi kuntradditturi. Min ha d-decizjoni “originali” – fis-snin tmenin jew qabel – hu fatt irrelevanti ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna. L-ewwel Qorti korrettement irriteniet li l-pern tal-kwistjoni kienet id-decizjoni li haddnet l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku li ma ticcaqlaqx jekk qabel ma ticcaqlaqx l-assocjazzjoni li tirraprezenta lis-sidien tat-*taxis* ta’ Malta – jigi precizat ghal kull buon fini li f’ebda stadju f’dan il-process ma giet sollevata mill-imsemmija Awtorita` l-eccezzjoni li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta l-atturi saru jafu, jew setghu jsiru jafu, bl-imsemmija decizjoni (Art. 496A(3), Kap. 12). Mill-banda l-ohra jirrizulta li tali decizjoni ittiehdet fl-ewwel lok mit-TCB u giet imhaddna, kif inghad, mill-imsemmija Awtorita`. Kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll id-Direttur tat-Traffiku kienu estranji ghal dik id-decizjoni – huma kellhom biss, skond il-ligi, id-dover li jattwaw dik id-decizjoni. Ghalhekk huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma kienux il-legittimi kontradditturi f’dan il-kaz. L-eccezzjoni li parti mhix il-legittimu kontradittur hi eccezzjoni perentorja tal-gudizzju u ghalhekk skond il-ligi tista’ tigi sollevata anke fi stadju ta’ appell (Art. 732(1), Kap. 12; ara wkoll is-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, tad-19 ta’ Lulju, 1997 fl-ismijiet ***Socjeta` Filarmonika “La Stella” v. Kummissarju tal-Pulizija***). Ghalhekk fic-cirkostanzi ma

hemm ebda utilita` li jigi kkunsidrat it-tieni aggravju tal-appellanti Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tat-Traffiku.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:
a) thassarha u tirrevokaha in kwantu laqghet it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tat-Traffiku, u minflok tillibera lil dawn iz-zewg konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, u
b) tikkonfermaha fil-bqija.

Kwantu ghall-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati hekk:
1. l-ispejjez relattivi ghat-talba sabiex il-kawza tinstema' b'urgenza ihallsuhom l-atturi;
2. l-ispejjez l-ohra kollha kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jithallsu nofs mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku u n-nofs l-iehor mill-atturi appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------